IL-KARDINAL LAVIGERIE U MALTA — (8)

Minn MICHAEL GALEA

# Il-Kardinal Lavigerie kkonsultat fl-għażla ta' l-Isqof ta' Malta

**Rabta oħra bejn Malta u l-Kardinal Charles Martial Lavigerie kien l-Isqof Malti Mons Antonio Maria Buhagiar. Dan il-Patri Kappuċċin ġie ordnat saċerdot fl-1869 minn idejn l-Arċisqof Gaetano Pace Forno (29). Herqana kienet il-ħidma tiegħu pastorali — kien ukoll, flimkien ma' Patri Kappuċċin ieħor, l-ewwel kappillan taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata (f'Raħal Ġdid), li kien għadu kemm tlesta.**

F'Mejju 1872 dan is-saċerdot żagħżugħ mar Tunes wara li kien ġie nominat Missjunarju Apostoliku mill-Kongregazzjoni *"De Propaganda Fide"* fuq talba ta' l-Isqof Kappuċċin Mons. Fedele Suter, Vigarju Apostoliku f'Tunes. Huwa wettaq il-ħidma pastorali tiegħu qalb il-Maltin ta' Sfax. Dam hemmhekk 12-il sena u baqa' wkoll hemm wara li fl-1884 kien ġie kkonsagrat Isqof Titulari ta' Ruspe u Awżiljarju tal-Kardinal Lavigerie, Isqof ta' Kartaġni (30).

Sadattant l-Isqof ta' Malta, Mons. Carmelo dei Conti Scicluna, għal raġunijiet ta' età avanzata, ma kienx f'pożizzjoni li jmexxi d-djoċesi. Dan kien ifisser li bdiet tinħass sewwa l-ħtieġa li tingħatalu għajnuna billi jiġi nominat Awżiljarju.

Il-gvern Ingliż kien qed isostni li huwa jagħti fehemtu fuq il-kandidat li kellu jiġi nominat Koadjutur ta' l-Isqof qabel ma ssir l-għażla definittiva. Kemm il-gvernatur, Sir Arthur Borton (1878-1884) kif ukoll is-suċċessur tiegħu, Sir Lintorn Simmonds (1884-1888), kienu jqisu l-Isqof ta' Għawdex, Mons Pietro Pace, bħala li kellu jkun is-suċċessur ta' l-Isqof Scicluna.

Min-naħa tas-Santa Sede, il-Papa Ljun XIII talab il-Kardinal Lavigerie jagħtih opinjoni dwar l-għażla ta' dik in-nomina, peress li dan il-prelat kien midħla sewwa ta' Malta u kien jaf il-Maltin. Il-Kardinal issuġġerixxa bla tlaqliq lil Mons. Buhagiar.

Sussegwentement, kemm il-Vatikan kif ukoll il-Gvern Ingliż qablu fuq in-nomina ta' Mons. Buhagiar bħala Amministratur Apostoliku ta' Malta.

Pero' malajr inqalgħet il-kwistjoni tas-suċċessjoni. Speċjalment il-Gvernatur Simmonds baqa' kontra din il-ħatra ta' Mons. Buhagiar, għaliex kien iħares lejh bħala li aktar imxaqleb lejn Franza, bħala li kien jissimpatizza ma' Franza, u li kien propost fuq kollox minn Lavigerie, meqjus mill-Ingliżi bħala promotur ta' l-interessi ta' Franza (31).

F'April 1885 Mons. Buhagiar wasal Malta bħala l-Amministratur Apostoliku ġdid tad-djoċesi. Fl-1886 il-Kardinal Lavigerie kien ġie Malta fi triqtu lejn Ruma, meta għamel żjara lil Mons. Buhagiar. Fi ħsieb il-gvernatur Simmonds dan il-fatt kien biżżejjed biex issokta jgħarraq is-sitwazzjoni kontra l-Isqof Buhagiar.

Dan il-kapitlu fl-istorja ekkleżjastika tad-Djoċesi Maltija ntemm billi Mons. Buhagiar kien inħatar Delegat Apostoliku u "Envoy" straordinarju tas-Santa Sede f'San Domingo, Haiti u Venezuela, fl-Amerika Latina, filwaqt li Mons. Pietro Pace ġie nominat Isqof ta' Malta bħala s-suċċessur ta' l-Isqof Scicluna.

* * *

Isem dan il-prelat distint u eminenti, il-Kardinal Charles Martial Allemand Lavigerie, Primat ta' l-Afrika, niżel fl-istorja ekkleżjastika tal-Gżejjer Maltin għal aktar minn raġuni waħda: it-twaqqif f'Malta tal-*Institut Apostolique Africain* minn dan il-kardinal, in-nomina tiegħu ta' Protettur tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata nsinji ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, wara dik id-dimostrazzjoni reliġjuża li l-poplu kattoliku Malti kien ta lil dan il-kardinal, il-ħidma u l-kura li wettaq qalb l-emigranti Maltin fl-Alġerija u fit-Tuneżija, u s-sehem li huwa kellu fil-ħatra ta' l-Isqof Koadjutur Mons. Antonio Maria Buhagiar (32).

TMIEM

**REFERENZI:**

(29) Mizzi, Padre Angelo, **L' Apostolato Maltese**, p. 5.

(30) Azzopardi, Rev. Francis, The Appointment of Bishop A.M. Buhagiar as Administrator Apostolic of Malta, in **Proceedings of History Week 1981** (Historical Society), pp. 95-96.

(31) Azzopardi, Rev. Francis, op. cit., p. 104.

(32) Bonnici, Mons. Prof. Arthur, **History of the Church in Malta**, Vol. 3, p. 21.

* * *

**Nota tad-Direzzjoni:** L-awtur ta' din is-sensiela ta' artikli dwar **il-Kardinal Lavigerie u Malta** talabna nagħmlu rettifika fil-puntata tat-3 ta' Novembru fejn ingħad li l-istampa hemm riprodotta hija xogħol tal-pittur Giuseppe' Calì', ma huwiex dak li deher fl-im-Fil-fatt il-kwadru ta' dan il-pittur semmija ħarġa tal-"Leħen", imma huwa ieħor li jinsab fl-istess Santwarju tal-Mellieħa.